# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaūdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daūl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Ang. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. — IT-TLIETA, it-3 TA ĠUNJU, 1913. — NRU. 67.


*Inbiercu b'kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistennŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Nifthu ghajnejna!

Il *Gazzetta di Malta* kieghda iggib bit-*Taljan* ctieb żghir li ħareġ bl'*Ingliż*, taħt l'isem faċċol ta *Malta furtizza ta Ruma fil Mediterran.* Fiħ minn collox dac il ctieb żghir contra il Cnisja Cattolica, contra il Papa, contra Monsinjur Paċ, contra il Kassisin taghna, contra Sir Adrian Dingli (Alla jatiħ il Genna) u saħansitra contra il *Gvern ta Malta*, li, chif jidhrilhom *il Protestanti il boloħ*, kieghed iżomm maghna: imm'aħna ma ngibux fil *Habib* daŭc il kżieżijet collha, ghax ma rridux nitħammġu bihom u ma rridux natu scandlu lill karrejja taghna. Jidhrilna ucoll li inkas il *Gazzetta di Malta* ma messha iggibhom, ghad li kieghda taghmlu biex tiftaħ il ghajnejn, bħalma irridu nifthuhom aħna.

Ingibu biss dac li, f'gheluk il ctieb, il *Protestanti* ghasru bħala *Cmandamenti* tax-xeŭkat ŭaħxija taħħom; u nitolbu mhux biss lill Capijet tal Cnisja Cattolica Maltija, iżda ucoll lill Capijet tal Gvern u lill Poplu collu ta Malta jiżnuhom tajjeb.

Akraŭ; u itreghdu, bħalma treghedna aħna:—

«L'ACTAR BŻONNIJET TAL GHAĠLA GHALL MALTA.

«1. Li tixtered il *Bibbja* bl'Ingliż u BIL MALTI. (1) Dac in-nhar li nkerdet is-Setgha tal Papa bħala Re (fil ghoxrin ta Settembru 1870), deher ucoll dieħel Ruma carettun mghobbi *Bibbji*: u chien isuku ŭieħed Ruman maklub, imsieħeb ma ragel imħallas mix-*Xirca Ingliża u Barranija ghat-tixrid tal Bibbja.* (2)

2. Iż-Żŭieġ CIVIL. Dan hu *bżonn cbir* ghall Malta. (3) Din il Gżira tista timxi fuk l'Italja. Il Lîgi Taljana ma titlobx ħlief il GHAKDA CIVILI: il *Ghakda tal Cnisja* jaghmilha min irid u chif joghġbu jaghżel. Cull Fizzjal u cull Suldat taljan li jicser din il Lîgi, ighaddi *Korti-Marzjali.*

«3. It-Taghlim ta li Schejjel jaħtieġ isir *bla Religjon* (EDUCAZIONE LAICA), ghax, chif li Scular jigi mghallem taħt is-setgha tal Cleru, jibka dejjem biċċa ghodda f'idejn il Kassisin. (4)

«4. Il *Lingŭa Ingliża* jaħtieġ li tcun hi biss il lingŭa maghrufa mil Krati tal Ħakk u mghallma f'li Schejjel. (5) Il Maltin, billi ma jafux bl'Ingliż, jinsabu jeshom maktuħ li imorru ighixu f'artijet oħra u il Gżira tinsab mghobbija bin-nies iż-żejjed.

«5. Hemm bżonn li ma isirux actar daŭn il *Festi* ta sicŭit, ghax ifixclu ŭisk il cummerċ u jaħlu il ġranet tax-xoghol. In-nies fkar jinsabu imŭaħħxin bil ġmiħ ta flus li jigimghu ghall *Festi* il Kassisin. (6) F'din il Gżira haŭn Kassisin iż-żejjed: u l'*injuranza* ta bosta minnhom xejn ma jilħakha ghajr il ħajja ħażina taħħom (IMMORARITÀ). (7)

«6. Hemm bżonn il *firda* (DISESTABILISHMENT, li giet makluba bit-Taljan SEPARAZIONE) mil Cnisja ta Ruma, biex ingaghluha trodd (VOMITARE) ghall'inkas biċċa mil gid li reccnet ħażin (MALFATTI ACQUISTI).(8) Il ghâna li ghandhom biċċa mil Cnejjes u xi uħud mil Kassisin, ħŭejjeġ li ma jitŭemmnux; u m'hemmx bżonn nghidu li minnu ma nieħdu xejn. Dic il gharucaża sħiħa ta *bejħ tal indulgenzi* (VERGOGNOSO NEGOZIO), haŭn Malta sejjra il kuddiem bl'oħxon, donnu Lutèru ghadu ma tchellemx jebes ghalihom.

(1) Jigifieri il *Cotba Mkaddsa* minghajr it-*Tifsir tal Cnisja Cattolica*, bħal daŭc li il Protestanti ilhom jitħabtu *fuk siltin sena* biex ixerrduhom ma Malta: imm'issa haŭn tixrida cbira minnhom u jaħtieġ ŭieħed jara chif jaghmel biex ma cull żerriegha ħażina tintelak chejla tajjba.

(2) Dan juri dejjem actar chemm il *Protestanti* jittamaŭ cull-imchien mit-tixrid tal *Bibbji ħżiena.*

(3) *Żŭieġ Civil* jigifieri li il Lîgi ma tghoddx actar iż-Żŭieġ bħala Sagrament. F'lôc is-Sacerdot, jidħol il Magistrat jeŭ Impiegat ieħor tal Gvern: u il Krati ma jagharfux ħlief lîlu. Il Cnisja imur min irid: u min imur il Cnisja biss, il Lîgi ma tghoddux miżżeŭŭeġ—uliedu, ghaliha, icunu bghula.

(4) Biex niftehmu seŭŭa, ma iridux *Taghlim tad-Dutrina Mkaddsa f'li Schejjel* biex uliedna ma jingibdux ghall Cnisja Cattolica. Cull-ħadd jitla jemmen chif iŭebbillu moħħu jeŭ isir ma jemmen xejn mill'eŭŭel! Imbaghd, maż-żmien, mita ir-Religjon taghna tcun ħadet din id-dakka ta ħarta, f'lôc is-Sacerdoti Cattolici jibdeŭ dieħlin f'li Schejjel ir-Reverendi Protestanti u uliedna jisfaŭ ghodda f'idejhom.

(5) Helŭin daŭn il *Cmandamenti tal Protestanti il boloħ ghall Malta?* Helŭin tasseŭ! Ghaż-*Żŭieġ Civil*, ghax hecc jakblilhom: *Brava l'Italja! Din il Gżira imissha timxi fukha!*— Ghall *Lingŭa Taljana*, ghax jakblilhom xort' oħra: *Nekerduha darba ghal-dejjem mil Krati u f'li Schejjel nghallmu l'Ingliż biss!*—Daŭn il chelmiet ħadnihom mil *Gazzetta di Malta*, ghax daħlulna f'kalbna!

(6) Taraŭ chemm jibżghulna ghall ħabba tal fkir! Chemm jixtieku jaghmlulna il cummerċ! Chif ma ninħabbux maħħom bħal aħŭa? Sa 'l *Festi* iridu ineħħulna!

(7) Ma jisthux ighidu li bosta mil Kassisin taghna kieghdin f' ħajja ħażina?.... Malta ċchejcna: u cull-ħadd ghandu ghajnejn biex jara chif ighixu is-Sacerdoti Cattolici u ir-Reverendi Protestanti? Ghall'*injuranza*, mbaghd, imisshom jimleŭ ħalkhom bl'ilma!

(8) Obżkuha, mela! Dan hu collu! Triduna nakraŭ il *Bibbja bla tifsir*, triduna inneħħu is-*Sagrament taż-Żŭieġ*, triduna *ma nitghallmux id-Dutrina f'li schejjel*, triduna ma naghmlux actar *Festi*, triduna *ma nitghallmux ħlief bl'Ingliż*.... biex ninfirdu minn Ruma u insiru *Protestanti*! Imma dac li ma rnexxiex, mindu giè San Paŭl Malta, u la fi żmien l'Imperaturi li chienu jaduraŭ l'allat foloz, u la fi żmien is-Saracini, u la fi żmien it-Toroc, u la fi żmien il Franciżi... inkas jirnexxi lilcom! Ma chien haŭn ħadd mincom Malta fil ġranet tal *Cungress Eŭcaristicu* ?.... Chif tridu tordmuħ dac id-deghbien ta bejnietna biex iġgaghluna ma nemmnux iżjed li fl'Ostja Mkaddsa hemm Gesù Cristu, il Feddej taghcom u taghna?..

shiħ fil fehmiet tieghu (9) u jaf x'in hu ighid fuk xoghol l'oħrajn. (10) Hecc biss, hecc biss nuriħ li... biex jitchellem fuk l'ilsna(11) u fuk il gebbieda tal cliem, (12) irid icollu thejjia aħjar minni dic li ghandu is-Sinjur tal ittri N.N.

«Niżżic-ħajr u inselli ghalic,
«Collni tieghec
«A. Bartoli.»

U, biex nghidilcom, inħossni mùerùer, ghax kieghed nghid f'kalbi: Tas-seù li, darba, chif insibu fil *Cotba Mkaddsa*, it-tfajjel David, ghad li chien ghadu nitfa ta raħħâl, *nofsu gharbi bħali*, medd mal art il ġgant Golija bi żrara ùaħda li ùaddablu bi sbandola! Iżda, ja ħasra!, min jaf il Ġganti ta Grossetu ghandhomx f'gharkubhom dic il ghafsa ta *Chilli l'imfaùùar?!* U, l'aħjar li naghmel, nidħol f'kixirti! Ghax ma nistax neħodha ma ùieħed li, kabel ma giè *ighix haùn maghna*, gira mal akùa Ghorrief tal Italja u ma ħatfilhomx *Catidra* ghax ix-xitan ma ghandux ħalib u iradda! Chif, mela, ghandu icolli il ùiċċ nidher kuddiemu, li *jaf bil Malti ùisk actar minni?* Ma kallix, erbgha u erbgha tmienja, li *ommu hejjetu biħ aħjar milli hejjetni ommi?*.... X'biċċa ġrali! Mur obsor li Grossetu jafu bil Malti iżjed mil Maltin! Li is-Sur Bartoli cbir ùisk (u m'haùnx ħliefu cbir geùùa Malta) bil Latin, bit-Taljan, bil Franciż, b'li Spanjol u *saħansitra bil Grieg*, cont ili nafu u stkarrejtulu fl'eùùel dehra tieghi—misħuta dic l'eùùel dehra, chif sejjer itertakni!—iżda li *bil Malti mhejji aħjar minni*, biex nghid is-seùùa, ma contx nafha!

Xejn iżjed. Niekaf haùn, ghax ghandi roghda f'idi b'din il bxara, li ma nistax nicteb chelma. Nitolbu biss ħaġa: li, jecc, barra minn fuki, jarġa ifettillu iùiegibni fil *Gazzetta di Malta*, igib bit-Taljan dan li ctibtlu jena, chif jen gibt bil Malti dac li chitibli hu, biex hemm u haùn jifhmuna tajjeb! U, imbaghd, jaghmel Alla! N.N.

## Ma dûar il Gżira.

Il *Ùirja tal Pittura*, li, chif ħabbarna, dâmet miftuħa mill'24 sad-29 ta mejju, chien fiha x'tara; u irridu nfaħħru b'kalbna collha is-Sur Maggjur Balbi, li, mghejun minn ħafna Sinjuri oħra, jaħdem ghaliha bi ħrara cbira. Is-sena, biex nghidu is-seùùa, il *Ùirja* ma chienetx mghammra biż-żejjed: messu icun hemm actar xoghlijet, ghax Dilettanti tajjbin, li ma dehru xejn, ghandna bosta: imma chien hemm ftit u tajjeb. Żeùġ sùali sħaħ chienu mimlijin, tista tghid, bix-xoghlijet tal aħùa Carùana-Dingli, li m'humiex actar *Dilettanti*, imma *Artisti*; u *Artisti* ta gênju u ħabta tal-ghageb, li jistghu jidhru f'cull *Ùirja* ta barra. Il *Carmen*, biex insemmu xi ùieħed mil qûadri, fejn ma toghġobx...U x'dakka ta Mghallem f'*The Grand Harbour?*... U xi ħleùùa fil *Bejjeħ tal frott?*

Chien hemm ucoll ta min ifaħħarhom il *qûadru* tal Professur Pisani, ir-Ritratti ta Mrs. Barretti, il *Veduti* tal Maggjur Balbi, il *Pajsaġgi* tas-Sur Bonellu; u, fi sùali oħra, il *Gibs* tas-Sur Xortinu, l'*Illuminazzjonijet* tas-Sur Sammut-Tagliaferru u *Mejda ntarsjata* ta Mghallem li nsejna nieħdu ismu, ghax moħħna, biex nghidu is-seùùa, irtema ghal-collox fuk ix-xoghol tal aħùa Carùana-Dingli, li, bir-ragjun collu, imleù il *Ùirja* b'isimhom u bii fâma taħħom. Nifirħu lil cull-ħadd: u kuddiem nett lill Cumitat ta din il *Ùirja*.

—Niżżu-ħajr lis-Sur Ercole Valenzja, Segretarju tas-*Società San Vicenzo de Paoli*—fergha ta Bormla—li ghoġbu jibghatilna il Prugramm collu tal *Cuncert cbir* li isir nhar il ħadd li gej: nirriccmandaù lill Karrejja taghna li ma jonksux, ghax tcun ħaġa sabiħa u ta carità cbira: u jiddispjacina ħafna li ma ghandniex ùisa biex ingibu il Prugramm collu. Icun hemm, fost cant u dakk mill'aħjar, Discors tas-Sur Ercole Valenzja, il Côr ta *San Ġacbu* u il *Banda ta Bormla*.

—Niżżu-ħajr lid-Direttur tas-Sależjani, li stedinna ghall festi collha li saru ilbieraħ tl'ura, fil ghodu u fil ghaxija, b'kima ta *Santa Maria Ausiliatrice*. Xtakna mmorru tas-seù, l'actar biex nisimghu ir-Reverendu Dun Giusepp Darmanin, li hu ùaħda mil gaùhriet tal Cleru żaghżuħ taghna: imma, fl'aħħar, inkalghalna ghaùġ, li ma stajniex naghmlu ieħor.

—Inħallu ghal darb'oħra, ghax nakasna il ùisa, dac li chitbulna is-Sinjuri *G.d. Ġanni*, Micallef Goggi, *E.F.* u *Fra.... Valerju*; chif ucoll il poeżija tas-Sur Serge, li conna hejjejna ghal din il gimgha. Imma, fuk collox, jiddispjacina ħafna li ma ùaslilniex fil ħin,biex nistghu ngibuħ din id-darba,bħalma conna ùeghdna, l'articlu ta *Monsinjur minn Ghaùdex*: ghaliħ ħallejna il ùisa sal aħħar siegha.

—Nhar il gimgha li gejja, id-*Direttur* tal *Habib*, jarġa jaghmel ghat-tielet darba il *Lettura* fuk Venezja: u, din id-darba, l'Isla, fejn giè mistieden biex jakraha lill'Imsieħbin tal *Juventutis Domus*.

—Nhar il ħadd, 8 ta ġunju, fit-8 u nofs ta fil-ghodu, is-Sur Alfredu C. Azzopardi, li ghandu l'Uffizzju tieghu tar-rcant haùn il Belt, strada Mezzodì, numru 19, jissocta ibieħ il ħùejjeġ li baka mit-tiżjin tat-torok tal Cungress Eùcaristicu.

—Faħħrulna ùisk l'orchestra ta ħal Luka, *Sant'Andrea*, li, fil festa ta Corpus, indaħlet hi ghall mużica ta dic il Parroċċa; u, immexxija, mis-Sur Mast Paùlu Vella, ta Bormla, marret tajjeb ghall'aħħar. Nifirħu lis-Sur Mast u lill'Orchestra.

—Is-Sur Dun Giużepp Farrugia, mitlub mil Cumitat tal *Unjoni Cattolica* fl'isem taghna, li urejniħ din ix-xeùka, bida jakleb bil Malti ghall *Habib* articlu ta 37 faċċata cbar, li deher fiċ-*Civiltà Cattolica*, fuk il Cungress Eùcaristicu. Il gimgha id-dieħla, ngibu l'eùùel biċċa tieghu: u, billi, mita takra lilu, tista tghid li ghandec li *Storja collha tal Cungress ta Malta*, nitolbu lill Chittieba taghna li ma jibaghtulniex iżjed articoli fuku.

—Nhar il gimgha, 23 ta mejju, ghand in-Nutar Enricu Saydon, ta Bormla, sâr Att, fejn is-Sur Filippu Farrugia Gay u is-Sinjura tieghu ndaħlu biex jinbina minn flushom, bħala tifchira taħħom, il Campnar l'ieħor tal Cnisja tal Birgu, li hi ghażiża ghall Maltin collha, ghax, barra milli hi ùaħda mill'iżjed ghônja u miżmumin tajjeb, hemm fiha tifchiret Cbar ta li *Storja ta Malta* fi żmien il Cavalieri. Chemm hi ħaġa sabiħa li ùieħed jinkeda hecc b'gidu!

### F-SIEGHA TA' DIEKA CBIRA.

*Lil karibi Tonin Cremona.*

Chiefer destin, ghadec ma xbajtx il kalbi
Tbiċċer! chiefer, ma xbajtx imrar tiskini!
Cuxienza chiefra, ghaliex dlonc tbicchini:
Minn cullħadd minsi, mîn se'r jisma' talbi?

Naħrab l-ùċuħ tan-nies, ma jtunix sabar:
Il qûiet u il ħemda iżda jcattruli d-dieka:
Ghajnejja narfa' lejn il Belt mixtieka:
Mulejja, islitli ruħi minn da' l-kabar.

Ghaliex tiċħadli l-lum, ħdura miblula,
L-hena li biha dari cont tferraħni?
Minn tokol kalbi, o Xemx, ghax isserraħni
Ma tridx u tnixxef il ħaddej maħsula?

Dakket li-mghażka u it-tħazùix tal ùerka,
Tisfir il-bilbla u l-ghanja minn tal bidùi,
L-oħla armonija cont inħossha tidùi,
Li ġġghal ħafifa kalbi ssir daks berka.

Mil bgħod gej tat-tranvaj nisma' t-tcarùit:
Fil Belt niftacar li ma tafx x'in hija
U la mħabba, u la ħniena, u la moghdrija,
U is-sùied il kalb dejjem nissocta nżid.

Haùn fejn jien fuk di'l ġebla, minn xortija,
Mil ħbieb, mid-dinja, minn cullħadd mitluk,
Gejt biex nistrieħ, biex ftit tal hena nduk,
U il kalbi nserraħ minn cull hemm mifnija;

Ta' l-arloġġ cull xħin nisma' iżda l-kampiena
Fuk kalbi jħabbat tagħha nħoss id-diùi;
Ghax dlonc niftacar chemm hu cbir is-siùi
Taż-żmien; cbira s-setgħa tieghu xejjiena.

Actar tingħafas kalbi; m'n haùn nitbiegħed,
Fuk nadùr nasal; taħti l-bjut ta' rħajjel;
Ke'd minn haùn nisma ħelùa ghanja ta'tfajjel.
Li ġġghalni ngħir u l-hena iżjed nitniehed;

Intom ucoll tieghi iżżidu l-ħsara
Tas-serriepi duħħan srabat bicrija;
Ghaliex tfaccruni f-dic id-dar chennija,
Fejn biss ta' mħabba fadal ticbes xrara.

Maħbuba dùejra, ta' l-aħjar ġibdiet,
Tal ħsieb u il paci, tal virtù ħabiba,
Lilec imbegħda, nsejjaħ f-di 't-takliba,
Lilec kaddisa, b-ħajjietec tas-schiet.

G. Micallef.

### M'HEMMX RISPETTI UMANI.

L'Armirall franciż Dupetit Thouars ma chienx jaf x'jigifieri *rispetti umani*. Ir-Religjon chien jippraticha b'dic is-serietà u b'dic id-dinjità collha li jistokkilha. Chien ikerr cull ħmistax u chien jitkarben bl'uniformi ta Armirall.

Ġurnata ùaħda, ħabib tieghu, kallu bil biża, li biex jitkarben m'hemmx bżonn li jilbes l'uniformi.

Meta immur kuddiem is-Superjuri tieghi, jena mhux bl'uniformi immur? ùieġbu l'Armirall.

Fl'1885, accumpanja, bil mixi, bl'uniformi u b'xemgha f'idu, fil processjoni tal *Corpus*, f'Cherboury. Trid tara ir-râbja tal Mażuni u l'imbarazz tal Ministri meta raù dan l'Armirall! Bdeù jaħsbu chif jaghmlu biex scandlu (!!!) bħal dac ma jarġax isir.

Is-sena ta ùara, is-Superjuri tal Armirall baghtu ighidulu li il presenza tieghu, *liebes bl'uniformi* fi processjoni religjusa, li huma bil chemm-chemm chienu isofru li issir, chienet kieghda taghmel tort lis-Superjuri stess, la darba huma ma ħadux parti fil processjoni!! Is-Superjuri (compleù kalulu) jisperaù li hu ma imurx iżjed.

L'Armirall staksa lil min ħadlu dic il bxara: Jakaù din is-sena Alla niżel xi grad milli chien is-sena li ghaddiet? Ghidilhom lis-Superjuri tieghi li jecc Alla tilef il grad tieghu maħħom ghalija hu dejjem is-Sinjur tad-dinja; u ghidilhom li ghalija hu l'icbar unur u dmir tieghi meta naccumpanja is-Santissimu Sagrament, bħas-sena l'oħra.

Żamm chelmtu, ghax mar; u libes bl'isbaħ uniformi li chellu.

Dr. Gustavu Busuttil.

(9) (10) Tajjeb ùisk. Jen natic ismi u cunjomi....malli is-Sur *I. B.* jati tieghu lili. U bil ftehima li intom iggibu il Malti tieghi bit-Taljan fil *Gazzetta di Malta*, bħalma jen ingib fil *Habib* it-Taljan taghcom bil Malti, chif ghedtlec kabel! Mil bkija, xejn ma jiġri billi tcunu tnejn ghal ùieħed.

(11) (12) Naf li *m'inhiex mhejji* biex nitchellem mieghec *fuk l'ilsna* (parlare di lingua) u ùisk iżjed *fuk il gebbieda tal cliem* (filologia): u ma tchellimtx: u inkas ghidt li irrid nitchellem: ghax, ghad li jen ħmar b'erba' sakajn, naf li ma nistax nitchellem ħlief fuk ilsieni. Int biss, *ghax haùn Malta collox int*, tista titchellem fuk dac li ma tafx ucoll!

## Mil Canada.

Montreal, Mejju 7 1913.

Sur Editur tal *Habib*,

Nitolbuc li tieħu dakxejn tal fastidiu bina u anchi bill Maltin li issa ninsabu fil Colonia ta Montreal imghakdin pħall laħħua f'Lakgha uaħda, u fostna illi aħna insemmu is-Signur James L. Bonnici illi il canadisi ighaidulu o iseiħulu Mr. James L. Borneasy. Illi dan is-Sur Bonnici Compatriot Malti u veru Malti interessa ruħu uisk bill Maltin li jiġu f'Montreal u li aħna inghaidulu il verità fuk il giurnal minn tighech, illi aħna sibnieħ ta uisk ghainuna li uakaf maghna u anchi assistiena biex insibu ix-xoghol u mux ghamlu maghna bis imma ma cull Maltin li geu geuua Montreal u ma cull Malti li aħna tħaddidna fuku fill paijis sibna li cul-ħat ghandu igħeid chelma ghal gid fuk linteressi li hua ieħu fuk ħutu paisani Maltin u dan li aħna keghdin nitolbuch issa nisperau illi inti iggib fill giurnal min tighech chelma b'chelma il ghaliex dan hu veru u li ma chienx ghall rispett tigheu illi u veru Malti u li iħobb il Maltin aħna forsi illum conna incunu mixhutin flart u strangieri laun u lem, u cull ma kalilna fuk il paijis u fuk ix-xoghol aħna sibnieħ collox veru u anchi aħna nistghu nirraccmandau il ħutna Maltin ta Malta, ghall dauc li seirin iħallu Malta, ghall Montreal u ificciu il ghainuna ta Sur James T. Bonnici. Aħna nistghou nissgurauhom illi hua deijem pront biex jakbez ghall ħutna Maltin, infatti aħna nafu illi ittrascura xoghlu biex jati l'ghajnuna lil cul Malti li jigi taħt idejħ.

Opra gbira illi hua ghamel, u aħna nafuha li flistess dar illi aħna conna ninsabu illoggiati flimchien fit-triek ta numru 41 Clark Street, fdin id-dar conna ninsaba 27 Malti u uiħed min ħutna Maltin giè iddisgrazziat u marad, u mita is-Sur Bonnici sab li hua chellu id-deni malair saksa il sħabu biex naghmlu xi ħaġa għall laħiar u ingheinu dan il marid, hua malair sibnieħ li kabes ghaliħ, u seijaħ ii-tabib;. u ordnalu il medicina u anchi uara li saksa it-tabib ech jista idaħħal dan il marid li sptar u uara li it-tabib uieghed lis-Sur Bonnici li idaħħal dan il marid li sptar, allura issur Bonnici stenna ghat-tabib u mita issur Bonnici ra li ittabib ma riedx idaħħlu, allura mar darboħra ghand ittabib u din iddarba bit-talb ta dan issur Bonnici ittabib malair seijah l'*Ambulance* u daħħlu fli sptar li iseiħulu "Montreal General Hospital" u dan il Malti ilu emmech 3 gimghat u issa daluakt li hua jarġa imur ghal xoghlu u li ma chienx haun hu ħatt minna ma chien icollu il curaġ li ghamel hu ghall dan il marid Malti u ech dan is-siniur jirnexxi fuk il ħsieb tas-società beiniet il Maltin ta Montreal illi fein isibu lilu huma kat ma ibatu u ech il Maltin collha ieħdu il chelma tighou u jigiu f'dakka uaħda flimchien chif hua jixtiek jara li cull Malti iħobb il uiħed u l'iħor u jakbez ghall uiħed u l'iħor: dauc il Maltin ta barra minn Malta ech josservau il chelma minn tighu ma jitilfu xein, il ghaliex li hua veru tal carità u li jakbes ghall proxxmu Malti: u li hua jixtiek iara il lakgha ta cull Malti minn qualunque rahal ta Malta li iħobbu u irrispettau il xulxin bħall l'aħua.

Allura Siniur bħall dan li iakbes ghall ħutu ħaddiema Maltin barra min Malta, il giurnali Maltin ta Malta imissom ifaħħruħ, ghax icun l'unur ghall Malti bħal dan li ieħu l'interessi tal ħaddiema, u dauc li jigiu haun isibuħ; issibu li cull chelma li tcun stampata fuku li hia tal verità. Sur Editur, aħna nisperau li dan l'articulu icun ghainuna ta hutna li jinsabu fill Gzira ghaziza ta Malta, illi qualunque Malti li ghandu biex jitlak minn Malta ghal Montreal, aħna inghaidu li kalbom ma iridu jaktghuha xein, ghax xoghol isibu sgur: infatti xoghol ta snaija, li aħna insemmu *izzebbiegha, il mastrudaxxi u anchi dauc li jaħdmu bill pala u il fies*, anchi ghall dauc li iaħdmu *fir-raba* isibu ixxoghol taħħom mall gabellotti canadizi, li il paga taħħom tcun 32 dollaru fix-xahar, l'ichel u l'irkat franc; innies li iaħdmu bill fies u il pala jakaghlu zeuġ dollari cullium u il mastrudaxxi jakalghou min 10 soldi sa $12\frac{1}{2}$ fis-sigha, izzebbiegha jakalghou min 10 soldi sa $12\frac{1}{2}$ fis-sigha: biex ninformaucom seuua dan ixxoghol li haun imsemmi jinsab ta compagnia gbira li ighaidula *Canadian Pacific Railway*, fein jaħdmu il vapur ta l'art. Allura dan ixxoghol saif u xitua.

Ghanna nifformaucom li barra mil post li semmeina haun, hemm xoghlijet ma duar il Belt u anchi il paghi huma aħiar, anchi ghall cochijet u ghal Waiters: isaksu ghalihom cull ium u fuk il ħajja hia bħal Malta u ghall dauc li ma jafux blinglis seuua, ma ghandomx iaktghu kalbom ghal xein, il ghaliex ech huma capaci ghax-xoghol dach li l'imghalmin iridu, ix-xoghol mux illingua.

U ghal ħueijeig ma iridux igibu ħafna ħueieg tax-xoghol biss.

Sur Direttur, insellu ghalic uisk u aħna deijem tighec.

Giammaria Muscat, 41, Chark St.
Giorgio Portelli, miz-Zeitun, 380, st. Adams Lane.
Paolo Aquilina, 380, St. Adams Lane.
Salvatore Sciberras, mir-Rabat, 41, Clarke St.
Gian Paul Farrugia, mir-Rabat, 380, St. Adams Lane.
Bartolomeo Bezzina, 41, Clark St.

Geŭna, ma din, ittri oħra mil Canada, li collha ifaħħru ŭisk is-Sur Bonnici: fosthom, insemmu dic ta C. Micallef, li, bejn ŭieħed u ieħor, tghid li stesa ħaġa fuk ix-xoghol: imma dehrilna li biż-żejjed ingibu ŭaħda minnhom: u, chif aħna mdorrijin naghmlu bl'ittrî tal *Emigrati*, ma messejniha xejn, inkas fl'*ortografija*. ID-DIREZZJONI.

## Ma dûar id-dinja.

*Californja*—Fil ŭakt li migimgha cbira ta Ingliżi chienu f'Long Beach fuk palc jaraŭ il festa tal *Empire-Day*, il palc, billi chien fuk ir-ramel u mghobbi iż-żejjed, sfondra; u mijet ta nies ŭakghu fuk xulxin. Mietu tletin ruħ, hemm ħafna nieksa u ħamsin feruti ghall meŭt.

*Smirni*—Vapur ieħor, *Navada*, b'bandiera americana, iżda ta nies toroc, ħabat ma mina u gherek f'minuta: gherku erbghin ruħ u il cumplament geŭ salvati minn vapur tal gŭerra franciż. Fil ŭakt li xcatta il caldarun, dghajsa b'baħrin franciżi, li chienet rieska biex tati ghajnuna, inkalbet u minnhom gherku tlieta.

*Franza*—Billi il Gvern ŭakkaf dimostrazzjoni ta Socjalisti fiċ-Cimiterju ta *Pere-La-Chais*, dimostrazzjoni oħra socjalista ta eluf ta nies saret contra il Ligi ġdida fuk is-Servizz militari, li minn sentejn ghamluħ tlieta. Is-Suldati ucoll ħabtu jirvellaŭ: chien hemm bosta dimostrazzjonijet u xi uħud mis-Suldati ħabtu ucoll ghall Fizzjali.

*Inghilterra*—Ir-Re u ir-Regina li chienu marru il Germanja ghat-tieġ ta bint l'Imperatur, raġghu ṫornaŭ l'Inghilterra u fid-29 tax-xahar li ghadda sbarcaŭ fil *Port Vittorja*—sa geŭŭa il Port chienu accumpanjati minn areoplan tal *Marina*.—Londra chienu milkughin b'ferħ cbir minn Populazzjoni ta eluf u eluf li ingabru ma tûl it-triek.

*Il Gŭerra*—Nistghu nghidu li ninsabu fittruf, ghax f'daŭn il ġranet chellhom jiffirmaŭ it-*Trattat tal Paci*.—Iżda, hemm biża cbir li il Bulgari jargghu jitħaŭŭdu mas-Serbi u mal Grieghi.—Hemm ucoll biża li l'Italja icollha x'taksam mal Grieghi fuk l'Albanija u fuk il Gżejjer tal Egêo.

L. M. C. G.

## Minn haûn u minn hinn.

I. Ir-Reverendu Geżŭita Kerr, chien Protestant, Ŭerriet (bħala *Primogenitu*) ta missieru, li chien Kassis-milord-protestant. Iccunverta meta chellu 16 il sena. Miet fl'14 ta Marzu, 1913.

II. Minn ħames xhur il haŭn emigraŭ mil li Scozja ma 30,000, ruħ; u kieghdin iħossu ġà id-difficoltà chif iħaddmu ir-raba.

III. Il missjoni straniera (Cattolica) ta Parigi, fis-sena 1909, iccunvertiet 33,945 ruħ u ghammdet 137,224 tifel kieghdin imutu. Il Lazzaristi, mghejuna mis-Sorijet tal Carità, iccunverteŭ 25,670 pagân (nies li jaduraŭ l'allat foloz) fiċ-Cina biss.

Il Geżŭiti iccunverteŭ 22,034 ruħ; u ghammdu 25,681 tifel.

Il Frangiscani fiċ-Cina iccunverteŭ 8,607 t'irŭieħ. Fiċ-Cina, id-Dumnicani, il Cabuccini, is-Sależjani u oħrajn iccunverteŭ mal 20,756 ruħ.

IV. Hemm ħames ghamliet ta telegrafu minghajr fili:—

*Marconi*—ippruvaŭ minn Clifden ghall Glace Bay (2,300 mîl bghid) 60 chelma fil minuta;

*Telefunken*—ippruvaŭ minn Nauen ghall Togo (4,000 mîl bghid);

*Poulsen*—ippruvaŭ minn San Francisco ghall Honolulu (2,100 mîl bghid);

*Goldschmidt*—(ma nafx chemm seŭŭa);

*Galletti*—(li stess).

V. Fi Franza, il processionijet xi bnadi ilhom ma jistghux isiru ma dŭar tmin snin. Monsinjur Iskof ta Montaubau, minghajr ebda biża, ħareġ nhar il Ghid tal imŭiet mil Cnisja ghaċ-Cimiterju bi processjoni. Il Pulizija ma tchellmet xejn, actarx ghax beżghet mil ktajja ta nies li imxeŭ mal Crucifiss, donnhom biex jinducraŭħ.

VI. Certi familji Maltin, ta bejn 20 u 30 ruħ, kieghdin jixtru il ħaxix bil carettun u jaksmuħ bejniethom. Dana seŭŭa ŭisk: il gabillott jakla iżjed u il familji ifaddlu ucoll.

VII. Is-Sur Trevelyan, accumpanjat mis-Sur Enricu Davis, cuntrullur tal Banc tattifdil, ircieva deputazzjoni biex ikankal kalb it-tfal ta li schejjel ghat-taghlim tal Economija (chif ŭieħed iħaddem flusu l'aħjar u bil kies); u biex cull sold li icollhom ikieghduħ il banc. Bħal dan il Banc, aħna ghandna *il banc tal Appostulat tat-Talb*, fejn jinsabu eluf u eluf ta soldi imkieghdin l'iżjed minn tfal ta ħafna sinjuri. A.A.

†

Nhar l'erbgħa tal gimgħa li għaddiet, miet ħaż-Żebbuġ DUN ĠUSEPP BONAVIA D.D., ziju ta ŭieħed mil chittieba tagħna, *Dun Paŭl*, u tal *Amministratur* tal HABIB. Għad li chien illaŭrjat l'Università, għâx dejjem moħbi. Għażż dejjem iż-żina tad-Dar t'Alla u ŭakaf mal proxxmu tiegħu; u miet imbierec u imfaħħar minn cull-ħadd, Chellu 76 sena. Itolbu ll'Alla li iħaffef jiftaħlu bŭieb il Genna, għad-Demm għażiż ta Sidna Ibnu Gesù. ID-DIREZZJONI.

MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

TAHBIT IL MOHH.

ii = i 100 uli m — ×
ghada 1,000,000 aħn

E. GRIMA.

L'aħħar *Taħbit il moħħ* chien:

«L'ebda saba ma hu floc l'iħor».

Giebuħ tajjeb: mil Belt, ir-Reverendu Dun G. G. u is-Sur G. Attard—minn tas-Sliema, is-Sur V. Borġ—u ħadd actar.